MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Talba Numru. 467/2011

**Strand Palace Agencies Limited – C3838**

**vs**

**Conrad Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mija hamsa u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€545.92c), ammont dovut ghal merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut gewwa l-hwienet tieghu "Ta' Stringi" u "Kylie Cafe'".

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri legali tal-4 ta' April 2011 u bl-imghax mill-15 ta' Settembru, 2010 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagamentkontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija hamsa u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€545.92c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------